Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Marzu 2018
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2016/0360 (COD)
2016/0361 (COD)
2016/0362 (COD)
2016/0364 (COD)

6921/1/18
REV 1

EF 66
ECOFIN 220
DRS 13
CCG 8
CODEC 336

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Kunsill |
| Suġġett: | Pakkett bankarju<br>- *Approċċ ġenerali* |

# I. INTRODUZZJONI

1. Fis-17 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar il-Pjan Direzzjonali għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja, li fihom enfasizza l-importanza li jkun hemm miżuri għat-tnaqqis tar-riskji u l-kondiviżjoni tar-riskji f'sekwenza xierqa.

2. B'segwitu għall-Pjan Direzzjonali tal-Kunsill tal-2016, il-Kummissjoni adottat fit-23 ta' Novembru 2016 pakkett ta' proposti leġislattivi (il-"Pakkett Bankarju") b'emendi għal diversi strumenti leġislattivi attwalment fis-seħħ li jittrattaw rekwiżiti bankarji prudenzjali, speċifikament ir-Regolament u d-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (is-CRR u s-CRD), u d-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (il-BRRD) u r-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (l-"SRMR").

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Servizzi Finanzjarji ltaqa' 37 darba matul il-Presidenza Slovakka, Maltija, Estonjana u Bulgara biex jiskrutinizza l-proposti dwar il-Pakkett Bankarju.

4. Fis-7 ta' Marzu l-Coreper ddiskuta kompromessi tal-Presidenza għat-testi legali dwar is-CRR, is-CRD, il-BRRD u l-SRMR kif jinsabu fid-dokumenti 6614/18, 6615/18, 6616/18 u 6617/18, rispettivament, abbażi ta' nota tal-Presidenza li tistabbilixxi t-tliet kwistjonijiet politiċi li għadhom pendenti qabel ma jkun jista' jintlaħaq approċċ ġenerali.

5. It-tliet kwistjonijiet pendenti huma: il-mod kif jiġi implimentat ir-rieżami fundamentali tal-portafoll tan-negozjar, is-subordinazzjoni MREL u l-ambitu tas-CRR/CRD.

6. B'kont meħud tad-diskussjoni fil-Coreper u filwaqt li żżomm il-bilanċ ġenerali tal-pakkett, il-Presidenza tissuġġerixxi l-approċċ deskritt hawn taħt sabiex jiġu indirizzati tliet kwistjonijiet pendenti.

## II. KWISTJONIJIET PENDENTI

### A. IMPLIMENTAZZJONI TAR-RIEŻAMI FUNDAMENTALI TAL-PORTAFOLL TAN-NEGOZJAR

| |
|---|
| Ir-**Rieżami Fundamentali tal-Portafoll tan-Negozjar (l-"FRTB")** jistabbilixxi l-istandards internazzjonali l-ġodda dwar il-kapital regolatorju tal-banek għar-riskji tas-suq kif maqbula mill-Kumitat ta' Basel fl-2016. L-istandards kapitali tar-riskju tas-suq jistgħu jiġu definiti bħala l-ammont ta' kapital li l-banek iridu jwarrbu bħala protezzjoni għat-telf potenzjali li jirriżulta min-negozju kummerċjali tagħhom, u b'hekk ikunu koperti r-riskji ta' tibdil fil-valur tal-istrumenti nnegozjati (jiġifieri ishma, bonds), ir-riskji tal-kambju, ir-riskji tar-rati tal-imgħax, eċċ. Il-Pakkett Bankarju kif inizjalment adottat mill-Kummissjoni kien maħsub biex jimplimenta l-FRTB fil-liġi tal-UE b'mod konsistenti mal-istandards ta' Basel tal-2016, b'kont meħud ta' għadd ta' speċifiċitajiet tal-UE. |

7. F'Diċembru 2017, il-Kumitat ta' Basel ippubblika dikjarazzjoni li tħabbar dewmien ta' tliet snin fl-implimentazzjoni tal-FRTB. Il-Kumitat issa jqis uħud mill-kalkoli tal-kapital li jinsabu fl-istandards tal-2016 bħala inadegwati u jixtieq iwettaq rieżami tagħhom bir-reqqa sa Diċembru 2018.

8. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, il-Presidenza hija tal-fehma li mhuwiex xieraq li l-FRTB jiġi implimentat kif propost inizjalment fil-Pakkett Bankarju minħabba li dan jobbliga lill-istituzzjonijiet biex jissodisfaw rekwiżiti soġġetti għal tibdil fuq perijodu ta' żmien qasir.

9. Għalhekk, il-Presidenza ressqet proposta biex l-FRTB jiġi implimentat b'mod li jieħu kont tad-dewmien imħabbar mill-Kumitat ta' Basel f'Diċembru 2017, jagħti biżżejjed żmien lill-istituzzjonijiet biex iħejju għar-rekwiżiti kapitali tar-riskju tas-suq il-ġodda u jibgħat messaġġ qawwi lill-atturi internazzjonali li l-UE għadha impenjata għall-implimentazzjoni sħiħa tal-FRTB meta jkunu tlestew l-istandards. Il-proposta tal-Presidenza, li hija riflessa kif xieraq fit-test ta' kompromess dwar is-CRR, hija kif ġej:

   a) l-FRTB jiġi antiċipat bħala rekwiżit ta' rapportar waqt li jkun għaddej ir-rieżami f'Basel biss. Matul dan l-istadju inizjali, l-istituzzjonijiet ser ikunu meħtieġa jagħmlu l-kalkoli tal-kapital u jirrapportaw iċ-ċifri lis-superviżuri tagħhom, iżda mhux ser ikunu obbligati li jżommu l-ammont ta' kapital li jirriżulta minn dawn il-kalkoli jew li jiżvelawhom lis-suq;

   b) jitneħħew mill-abbozz ta' regolament emendatorju dwar is-CRR dawk il-partijiet tal-FRTB li attwalment huma soġġetti għal rieżami u jingħata mandat biex il-Kummissjoni terġa' żżidhom fis-CRR permezz ta' att delegat fl-2019. Ir-rapportar ser jibda biss wara li l-att delegat jidħol fis-seħħ;

c) il-Kummissjoni tiġi mistiedna biex sal-aħħar tal-2020 tippreżenta rapport kif ukoll proposta li temenda s-CRR għall-fini, jekk dan jitqies xieraq, tal-konverżjoni ta' dawn ir-rekwiżiti ta' rapportar f' rekwiżit kapitali komplut. L-istituzzjonijiet ser ikunu biss meħtieġa jilħqu l-FRTB abbażi tal-leġislazzjoni l-ġdida; u

d) sa dak iż-żmien, il-qafas eżistenti tar-riskju tas-suq jinżamm kif inhu attwalment fis-seħħ skont is-CRR sabiex l-istituzzjonijiet ikomplu jikkonformaw miegħu.

10. Fil-Coreper, id-delegazzjonijiet qablu mal-prinċipju li l-istituzzjonijiet għandhom ikunu meħtieġa biss jissodisfaw l-FRTB bħala rekwiżit kapitali wara li Basel ikun lesta r-rieżami tiegħu u, għaldaqstant li l-FRTB għandu jiġi antiċipat biss bħala rekwiżit ta' rapportar u li s-CRR għandu jiġi emendat fi stadju aktar tard permezz ta' proposta emendatorja tal-livell 1. Bosta Stati Membri qablu mal-proposta tal-Presidenza.

11. Stati Membri oħra ma qablux kaġun ta' tħassib dwar l-użu ta' att delegat biex jissupplimenta dak li huma jqisu bħala parti sostanzjali tar-rekwiżit ta' rappurtar. Minflok, dawn id-delegazzjonijiet issuġġerew li jinżamm it-test kollu tal-FRTB fil-livell 1 kif maqbul taħt il-Presidenza Estonjana bil-kalkoli kapitali regolatorji kollha li fih, u li l-istituzzjonijiet jiġu meħtieġa jirrapportaw dwar dawk il-kalkoli sakemm dawn jiġu introdotti bħala rekwiżit kapitali permezz ta' emenda tal-livell 1 għas-CRR. Id-delegazzjonijiet li jappoġġaw dan l-approċċ huma mħassba li l-użu ta' att delegat joħloq ir-riskju li jintilef il-progress li sar fil-Kunsill biex tinkiseb l-aħjar kalibrazzjoni tal-FRTB għall-ispeċifiċitajiet tal-UE. Madankollu, delegazzjonijiet oħra, ma setgħux jaċċettaw dan l-approċċ billi dan ikun iwassal għal rapportar dwar ċifri skaduti.

## B. SUBORDINAZZJONI TAR-REKWIŻIT MINIMU GĦAL FONDI PROPRJI U OBBLIGAZZJONIJIET ELIĠIBBLI (MREL)

F'Novembru 2015, il-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSB) adotta l-istandard tal-**Kapaċità Totali ta' Assorbiment tat-Telf (it-"TLAC")** għall-Banek Dinjija ta' Importanza Sistemika (G-SIBs). Dan għandu l-għan li jipprevedi kapaċità adegwata ta' assorbiment tat-telf meta l-banek ifallu.

12. L-standard TLAC jenħtieġ li jiġi implimentat fl-1 ta' Jannar 2019. Il-Kummissjoni pproponiet li t-TLAC tiġi trasposta bħala rekwiżiti obbligatorji minimi tad-dejn kapitali u subordinat fis-CRR. Il-qafas eżistenti tal-MREL jeħtieġ ukoll li jiġi allinjat mat-TLAC. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jenħtieġ li jkollhom id-diskrezzjoni li jeħtieġu MREL addizzjonali għall-G-SIIs, kif ukoll għal banek oħrajn, li għandu jiġi rispettat bl-istrumenti eliġibbli tal-MREL li jistgħu jkunu kemm subordinati kif ukoll mhux subordinati.

13. Il-kwantità globali tal-MREL u l-livell ta' subordinazzjoni tad-dejn eliġibbli jenħtieġ li jippermettu kapaċità adegwata ta' assorbiment tat-telf u għar-rikapitalizzazzjoni ta' bank.

**L-istrumenti subordinati** huma dawk imfassla biex jiġu rikapitalizzati internament qabel l-obbligazzjonijiet superjuri. Minħabba r-riskju akbar ta' telf potenzjali, il-banek iridu jħallsu iktar biex joħorġu dawn l-istrumenti subordinati.

14. Il-Kummissjoni pproponiet li taqsam l-MREL f'rekwiżit u f'gwida. Il-kunċett tal-gwida tal-MREL ġie propost mill-Kummissjoni sabiex tiġi stabbilita skala proporzjonata ta' miżuri ta' intervent disponibbli għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni meta isir ksur tal-MREL. B'hekk, ir-restrizzjonijiet għad-distribuzzjonijiet diskrezzjonali (eż. dividendi u rimunerazzjoni varjabbli) jiġu applikati fi stadju aktar tard meta l-ksur tal-MREL jilħaq livell partikolari.

15. F'dan il-kuntest, ġew diskussi tliet mistoqsijiet fil-Coreper: flessibbiltà fl-istabbiliment tal-livell ta' subordinazzjoni, l-ambitu tas-subordinazzjoni obbligatorja u l-perijodi ta' transizzjoni.

### i. Flessibbiltà fl-istabbiliment tal-livell ta' subordinazzjoni

16. Il-Kummissjoni pproponiet li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom id-diskrezzjoni li jirrikjedu subordinazzjoni għall-MREL fejn u sal-livell li din tkun meħtieġa biex jiġi żgurat li l-kredituri ma jirċevux trattament agħar f'riżoluzzjoni milli fi proċedimenti ta' insolvenza. Dan huwa magħruf bħala l-prinċipju li l-ebda kreditur ma jmur agħar (NCWO).

17. Il-Presidenza Bulgara pproponiet li jitneħħa l-kunċett ta' gwida u li r-Riżerva għall-Fiduċja tas-Suq (MCB) tiċċaqlaq mir-rekwiżit ta' gwida għar-rekwiżit tal-MREL, sabiex jittieħed kont tat-tħassib ta' bosta delegazzjonijiet li talbu rekwiżiti aktar stretti u flessibbiltà akbar għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni. Barra minn hekk, fid-dawl tan-natura ta' tnaqqis tar-riskju ta' dan il-pakkett, il-Presidenza Bulgara pproponiet li żżid il-flessibilità tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-livell tal-MCB.

| |
|---|
| Ir-**Riżerva għall-Fiduċja tas-Suq** hija l-parti tar-rekwiżit tal-MREL mfassla biex l-istituzzjoni tkun tista' tkompli topera u ssostni fiduċja suffiċjenti tas-suq wara r-riżoluzzjoni. |

18. Meta tistabbilixxi r-rekwiżit MREL l-awtorità jenħtieġ li tkun meħtieġa wkoll tieħu kont tar-regola ta' 8 % tat-Total tal-Obbligazzjonijiet u l-Fondi Proprji (TLOF) għall-aċċess għall-Fond ta' Riżoluzzjoni. Biex isir kumpens għal dawn ir-rekwiżiti aktar stretti, ingħatat flessibbiltà inkwadrata lill-Awtoritajiet ta' Riżoluzzjoni f'termini tal-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjonijiet diskrezzjonali meta jsir ksur tal-livelli tal-MREL.

## ii. Subordinazzjoni obbligatorja għall-Banek tal-Ogħla Livell u l-GSIIs

19. Il-Presidenza Bulgara introduċiet rekwiżit minimu ġdid ta' subordinazzjoni obbligatorja għall-Banek tal-Ogħla Livell (b'karta bilanċjali konsolidata fil-livell tal-grupp ta' riżoluzzjoni 'l fuq minn EUR 75 biljun). Dan il-limitu jiżgura li dawn l-istituzzjonijiet ikollhom livell minimu ta' subordinazzjoni bbażat fuq rakkomandazzjonijiet tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA). Stat Membru wieħed, appoġġat minn diversi Stati Membri oħra, ippropona li l-Awtoritajiet ta' Riżoluzzjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jimponu kondizzjonijiet iktar stretti previsti għall-banek tal-ogħla grad fuq banek oħrajn abbażi ta' ċerti kondizzjonijiet deskritti fit-test tal-livell 1.

20. L-emendi tal-Presidenza għall-qafas ta' subordinazzjoni għandhom l-għan li jakkomodaw kemm id-delegazzjonijiet li jixtiequ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkun jista' jkollhom diskrezzjoni wiesgħa biex jirrikjedu subordinazzjoni addizzjonali għall-GSIIs u l-Banek tal-Ogħla Livell, kif ukoll id-delegazzjonijiet li talbu xi salvagwardji u garanziji fir-rigward ta' kemm mir-riżoluzzjoni tal-MREL subordinat jistgħu jirrikjedu l-awtoritajiet mill-istituzzjonijiet.

21. Il-Presidenza temmen li l-bilanċ xieraq ikun jimplika diskrezzjoni għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni biex jirrikjedu subordinazzjoni addizzjonali sal-ogħla waħda mit-8 % tat-TLOF jew formula bbażata fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet. Għall-G-SIIS u l-Banek tal-Ogħla Livell, id-diskrezzjoni hija usa'. Għall-banek l-oħrajn kollha, id-diskrezzjoni hija bbażata fuq valutazzjoni tal-ksur potenzjali tal-prinċipju NCWO u sal-istess livelli (l-ogħla waħda mit-8 % jew il-formula). Barra minn hekk, livelli ogħla ta' subordinazzjoni jistgħu jinħtieġu għall-banek l-iktar riskjużi (atipiċi) jew fejn ġew identifikati impedimenti sostantivi għar-riżolvibbiltà.

### iii. Perijodi transitorji

22. Minħabba r-rekwiżiti aktar stretti proposti, il-Presidenza temmen li l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jingħataw żmien suffiċjenti biex jindirizzaw nuqqasijiet potenzjali għall-istrumenti eliġibbli għall-MREL. Madankollu, il-kompromess jipprovdi wkoll flessibbiltà għall-awtoritajiet biex jirrikjedu konformità qabel it-tmiem tal-perijodi transitorji, fejn ġustifikat.

23. Madankollu, id-deċiżjonijiet finali dwar it-transitorji għandhom ikunu dipendenti fuq l-eżitu tad-deċiżjonijiet politiċi dwar il-kalibrazzjoni u s-subordinazzjoni tal-MREL.

## C. EŻENZJONIJIET MILL-AMBITU TAS-CRR/CRD

24. Skont l-Artikolu 2(5) attwali tas-CRD, hemm għadd ta' entitajiet ġuridiċi eżenti espliċitament kemm mis-CRD kif ukoll mis-CRR, u konsegwentement anki mill-qafas ta' riżoluzzjoni. Dawn l-entitajiet ġuridiċi huma fil-biċċa l-kbira unjonijiet ta' kreditu u banek promozzjonali u għall-iżvilupp. Fin-nuqqas ta' eżenzjoni, dawn jikkwalifikaw bħala "istituzzjonijiet ta' kreditu" u b'hekk ikunu jeħtieġu liċenzjar u superviżjoni taħt is-CRR/CRD.

25. Erba' Stati Membri talbu biex il-banek għall-iżvilupp nazzjonali tagħhom jiżdiedu mal-lista ta' eżenzjonijiet, u dan kien appoġġat mill-maġġoranza l-kbira tad-delegazzjonijiet. Kien hemm ukoll appoġġ kbir biex l-unjonijiet ta' kreditu jiġu eżentati minn żewġ Stati Membri għall-konsistenza ma' unjonijiet ta' kreditu oħrajn attwalment eżentati.

26. Stat Membru ieħor kien talab li jiġu eżentati 14-il bank promozzjonali (wieħed nazzjonali u 13 reġjonali). Dan l-Istat Membru diġà għandu bank promozzjonali nazzjonali eżentat mis-CRR/CRD. Il-Grupp ta' Ħidma ma rnexxielux jaqbel dwar din it-talba. Il-fehmiet tal-Istati Membri fil-Coreper kienu maqsuma bejn li tingħata l-eżenzjoni sħiħa jew le.

## III. <u>KONKLUŻJONI</u>

27. Il-Kunsill huwa mistieden biex:

A. IMPLIMENTAZZJONI FRTB

– jiddeċiedi dwar l-approċċ ta' applikazzjoni antiċipata tar-rekwiżiti ta' rappurtar tal-FRTB , jew:

i) permezz ta' att delegat ibbażat fuq iċ-ċifri finali ta' Basel, kif issuġġerit mill-Presidenza; jew

ii) abbażi tal-kalkoli attwali kif stabbiliti fir-Rapport ta' Progress tal-Presidenza Estonjana, kif issuġġerit minn xi delegazzjonijiet.

B. subordinazzjoni tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL)

– Jaqbel dwar il-kompromess ippreżentat, filwaqt li jieħu deċiżjoni dwar il-punti fil-parentesi kwadri hawn taħt:

a) Subordinazzjoni obbligatorja għall-GSIIs mal-istandard tat-TLAC [**allowance ta' 14.5 % tar-RWA+3.5**% ibbażat fuq in-NCWO]

b) Subordinazzjoni obbligatorja għall-banek tal-ogħla livell (13.5 % tar-RWA - rapport tal-EBA)

c) Flessibbiltà inkwadrata biex l-Awtoritajiet ta' Riżoluzzjoni biex jirrikjedu livelli ogħla ta' subordinazzjoni għall-banek kollha:

i) sal-ogħla waħda mit-8 % TLOF jew [**X**]% tar-RWA

ii) taħt kondizzjonijiet ċari (valutazzjoni tan-NCWO, [**eż. jiġi evitat li l-fondi pubbliċi jiġu esposti għat-telf**])

d) Flessibbiltà tal-Awtoritajiet ta' Riżoluzzjoni biex tirrikjedi livelli ogħla ta' subordinazzjoni [**sa ċertu livell**] għall-banek anomali definiti skont ir-riskju li jġorru u l-possibbiltà li jiġu indirizzati impedimenti għar-riżolvibbiltà.

C. EŻENZJONIJIET MILL-AMBITU TAS-CRR/CRD

– Jiddeċiedi jekk jeżentax 14-il bank promozzjonali skont it-talba ta' Stat Membru kif imsemmi fil-paragrafu 26